A.L. 7 ta' l-1982

ORDINANZA TA' L-1959 DWAR SELF LOKALI ('STOCK' U TITOLI REĠISTRATI)

BDIL TA' 'STOCK'

Direttiva mill-Ministru tal-Finanzi għall-Bdil ta' £M1,000,000 6% *Stock* Lokali Reġistrat għall-Iżvilupp 1975-82

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 31 (a) ta' l-Ordinanza ta' l-1959 dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati) il-Ministru tal-Finanzi iddikjara li £M1,000,000 6% *Stock* Lokali Reġistrat għall-Iżvilupp 1975-82 li għandu jitħallas lura fit-28 ta' Frar, 1982, jista' jinbidel fi *stock* reġistrat li joħroġ skond id-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza.

Skond l-artikoli 31 (b) u 32 ta' l-imsemmija Ordinanza l-Ministru awtorizza wkoll li, għall-bdil ta' £M1,000,000 6% *Stock* Lokali Reġistrat għall-Iżvilupp 1975-82 għandu jiġi maħluq u maħruġ *Stock* Lokali Reġistrat (Bdil) għall-Iżvilupp 1987 bis-6¼% kif ġej:

Mod tal-ħruġ ta' l-*istock*.

1. (1) L-*istock* jiġi maħruġ bil-prezz ta' £M100 fil-mija u jingħata fuq applikazzjoni. Meta jitħallas għal kollox l-*istock* jiġi reġistrat. Applikazzjonijiet għall-għoti ta' l-*istock* għal dawk li diġà għandhom 6% *Stock* Lokali Reġistrat għall-Iżvilupp 1975-82 jifthu fid-9 ta' fil-għodu it-Tnejn, l-1 ta' Frar, 1982, u jagħlqu fl-erba' ta' wara nofs in-nhar il-Ġimgħa, 12 ta' Frar, 1982.

(b) Applikazzjonijiet mingħand il-pubbliku ġenerali għall-bilanċ li jibqa' mhux mittieħed mill-*iStock* Lokali Reġistrat (Bdil) għall-Iżvilupp 1987 bis-6¼% jintlaqgħu t-Teżor, bejn id-9 ta' fil-għodu tat-Tnejn, il-15 ta' Frar, 1982, u l-erba' ta' wara nofs in-nhar tal-Ġimgħa, id-19 ta' Frar, 1982, jew qabel jekk l-*istock* jittieħed kollu, fid-diskrezzjoni ta' l-*Accountant General*.

Somma ta' flus li għandha tingħabar.

2. Is-somma ta' flus li għandha tingħabar bl-*istock* tkun ta' £M1,000,000.

Rata ta' mgħax u dati tal-ħlas.

3. L-imgħax għandu jitħallas b'lura kull sitt xhur fit-28 ta' Frar u fit-28 ta' Awissu ta' kull sena matul l-kors ta' l-*istock*. L-ewwel ħlas ta' £M3.12,5 kull £M100 *stock* relattivament għall-perijodu bejn it-28 ta' Frar, 1982 u s-27 ta' Awissu, 1982, għandu jsir fit-28 ta' Awissu, 1982.

Rata ta' kontribuzzjoni għall-fond ta' ammortizzament.

4. Approprjazzjoni kull sitt xhur ta' mhux anqas minn £M5,000 mid-dħul ġenerali u mill-attiv tal-Gvern ta' Malta għandha ssir bħala kontribuzzjoni għall-fond ta' ammortizzament sabiex jifdi l-*istock*. L-ewwel kontribuzzjoni għandha ssir fi żmien sena mit-28 ta' Frar, 1982.

Fidwa ta' stock.

5. L-*istock* għandu jiġi mifdi b'parità f'dik id-data bejn l-1 ta' Jannar, 1987 u l-31 ta' Diċembru, 1987 (iż-żewġ dati magħdudin), kif jiġi stabbilit mill-*Accountant General* u avżat fil-Gazzetta. L-*istock* jiġi mifdi biss mal-konsenja taċ-ċertifikat ta' l-*istock* maħruġ.